**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA21.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Novembru 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson.*
Is-Sur Vincent Borg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-12 ta' Novembru 2012.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Offerti MXR/005/2012 - Xogħol ta' Pavimentar fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.
3. Offerta MXR/006/2012 - Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
4. Skema PPP - Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
5. Proġett Eco-Gozo - Tisbiħ ta' Passaġġ Triq San Xmun.
6. Milied 2012.
7. Sajf 2013.
8. Imwejjed ristoranti.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-membri.
11. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA19.

**2.00 Offerti MXR/005/2012 - Xogħol ta' Pavimentar fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.**

2.01 Il-Kuntrattur Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. intalab mill-Kumitat sabiex jikklarifika dwar it-tul ta' żmien li ser jieħu sabiex il-proġett jitlesta kif ukoll dwar il-materjal li ser jintuża fir-*railing*. Il-Kuntrattur irrisponda u din it-tweġiba ġiet irreferuta lill-Perit. Wara li jwieġeb il-Perit issir laqgħa ma' l-Avukat sabiex jittieħed il-parir legali ta' dan il-każ.

**3.00 Offerta MXR/006/2012 - Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.**

3.01 Din l-offerta ġiet ippubblikata fit-23 t' Ottubru 2012 fuq il-Gazzetta tal-Gvern u fl-24 t' Ottubru 2012 fuq The Malta Independent u ser tagħlaq fis-26 ta' Novembru 2012. Din l-offerta ġiet imqassma f' erba' *Lots*:

Lot 1: Restoration Works and Mechanical Repair Works.

Lot 2: Provision, Installation, Testing and Commissioning of Electrical, Ventilation, Fire Detection, Alarm, CCTV, Data Network and Intrusion Detection Systems.

Lot 3: Supply, Installation, Commissioning of Interpretation System, Static, Audio and Video Content and Interactive System.

Lot 4: Design, Develop and Commission of a Website.

**4.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

4.01 Il-Kumitat għadu għaddej b' trattativi ma' l-Enemalta Corporation peress li dawn qed jgħidu li jridu jgħaddu *cable* għas-*sub station* ta' Triq ir-Rumani.
Il-Kumitat ser jikteb sabiex il-fondi allokati jkunu estiżi sabiex ix-xogħol jitlesta fl-aħħar ta' Marzu 2013.

**5.00 Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ ta' Passaġġ Triq San Xmun.**

5.01 Il-Kuntrattur Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. kejjel ix-xogħlijiet bil-Perit imqabbad minnu u qed jitlob is-somma ta' €47,737.61. Il-Kumitat talab lill-Perit imqabbad mill-Kumitat u li kien issorvelja x-xogħlijiet sabiex joħroġ il-kont uffiċjali tax-xogħlijiet. L-ammont skont il-Perit tal-Kumitat huwa ta' €36,585.85. Il-Perit William Lewis intalab jispjega punt punt dwar id-deskripanzi li jammontaw għal €11,151.76. Minn din il-lista l-Kumitat qabel li ma jħallasx għal punt 1, 9 u 10 peress li x-xogħlijiet kif qed jiċċarġja ma jmurx skont il-ftehim.

| No. | Item | Reason | Amount claimed by Contractor | Amount Certified | Differences | Committee's Decision |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Demolish existing parapet wall | Contractor inserted a new item while this had to be included in items 6.1 and 6.3. | 1,376.05 | 321.30 | 1,054.75 | NO |
| 2 | Pedestrian guard rail | Contractor changed spacing of vertical plates to approx 1.1m and included 100 in no. in bill as actually installed, while Perit William Lewis certified according to drawing where spacing was every 1.5m. | 22,732.83 | 17,904.53 | 4,828.30 | YES |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 3 | Foundation of manhole C25 concrete | Contractor inserted a new item while this had to be included in items 17.1a and V17.3. | 62.07 | 60.78 | 1.29 | YES |
| 4 | Backfilling between concrete masonry and road | Contractor inserted a new item while this had to be included in item 17.1a. | 322.43 | 221.40 | 101.03 | YES |
| 5 | Supply and lay 300 x 300 chambers. Rate similar to rate in 14.3 | 150 x 150mm PVC boxes were installed. | 2,240.00 | 1,120.00 | 1,120.00 | YES |
| 6 | Supply and lay lean mix beneath concrete gutter | Contractor is claiming 11.03 cu.m. with 60 Euros per cu.m. while in Perit William Lewis's certificate is certifying 18.70 cu.m. with 34.70 Euros per cu.m. as per rate given for Sanap. | 661.92 | 648.89 | 13.03 | YES |
| 7 | Terrazzo Tiles | | 9,994.63 | 10,056.54 | -61.91 | YES |
| 8 | Hard Stone | | 3,115.10 | 3,232.44 | -117.34 | YES |
| 9 | Supply, lay and level granular material | Not agreeing on rate. | 2,204.70 | 1,397.80 | 806.90 | NO |
| 10 | Gagazza | Rate agreed on was 39 Euros / sq.m. Contractor is claiming 47.5 per l.m. | 5,027.88 | 1,444.17 | 3,583.71 | NO |
| 11 | Aggregate in tree pits | | | 178.00 | -178.00 | YES |
| | | | | | | |
| | | | 47,737.61 | 36,585.85 | 11,151.76 | |

**6.00 Milied 2012.**

6.01 Il-Kumitat beda jiddiskuti dwar x' tiżjin ser jagħmel fit-toroq tax-Xlendi. Ser jitpoġġew girlandi fi Triq San Xmun u jitwaħħlu mal-fanali. Ser isiru l-*fairy lights* mal-Palm fi Triq ir-Rabat u fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu. Dan ix-xogħol ser isir mill-Munxar Falcons F.C.

**7.00 Sajf 2013.**

7.01 Il-Kumitat ser japplika għall-iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013. F' din l-applikazzjoni ser nitolbu finanzjament sabiex isir il-*Water Fun Park*, Fjakkolati, *Films* u Ġostra.

**8.00 Imwejjed ristoranti.**

8.01 Matul is-Sajf li għadda kien hemm diversi talbiet mingħand sidien ta' ristoranti sabiex jagħmlu/iżidu mwejjed proviżorji. Kien hemm qbil dwar din il-proposta iżda jrid isir *set* regolamenti u li jkunu applikabbli għal kulħadd.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva pjanta mingħand il-Ministeru għal Għawdex dwar bankini li qed isiru fi Pjazza Anfori u fil-bidu ta' Triq San Xmun. Dan ix-xogħol qed isir mill-Ministeru għal Għawdex.

9.02 Fi Triq it-Torri kien hemm lampa mwaħħla ma' faċċata ta' dar li nqalet bil-maltemp. X' ħin inqalet għamlet xi ħsara fil-ġebla tal-faċċata u għaldaqstant is-Sid qed jitlob sabiex il-ħsara tissewwa. Kien hemm qbil dwar dan.

9.03 Xi *skips* privati li kienu tpoġġew quddiem l-entratura tal-Pompa tad-Drenaġġ tax-Xlendi kellhom jitneħħew wara li saret talba minn Uffiċjali tat-Taqsima tad-Drenaġġ. Wara li kien hemm xi ilmenti, issa nstab post li ma humiex ikunu ta' inkonvenjent lill-ħadd.

9.04 Saret talba mingħand sidien ta' stabbilimenti ta' l-ikel sabiex il-Palm ta' Triq ir-Rabat jinżabru peress li qed iwaqqgħu ħafna żerriegħa u qed iħammġu l-bankini. Saret talba wkoll sabiex jinżabar l-Oleandru.

9.05 Il-Kumitat irċieva dikjarazzjoni mingħand CS Design Periti li Triq ir-Rumani ser ikun hemm problema ta' aċċess wara li jsir l-iżvilupp propost minn sidien privati u li l-ħajt li qed jilqa' t-triq huwa perikoluż.

**10.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

10.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku rċieva ilment mingħand Sid ta' proprjeta' fi Triq il-Biżantini kantuniera ma' Triq il-Qsajjem. Peress li t-triq ċediet, l-ilma tax-xita qed jaqleb għal fuq il-proprjeta' tiegħu. Huwa qed jitlob li jew issir *traffic island* jew titranġa t-triq fejn ċediet. Ġie deċiż li l-Kumitat jirranġa t-triq li ċediet.

11.02 Is-Sindku informa lill-Kumitat li l-faċċata ta' wara tal-*board* ta' l-informazzjoni li hemm fi Pjazza Anfori tmermret u għaldaqstant hemm il-bżonn li dan id-dahar isir mill-ġdid. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

| | |
|---|---|
| **Godwin Azzopardi** | **Anthony Grech** |
| ***Chairperson.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |